# META L-MALTI JKUN IMĦADDEM TAJJEB

Mhux biżżejjed li kanzunetta jkollha kompożizzjoni tajba imma jeħtieġ li min idoqqha jkollu l-ħila li din iwassalha tajjeb. Dan ħafna drabi jeħtieġ studju fil-mużika u/jew snin ta' esperjenza u taħriġ bi strument partikolari. Il-mezz li rakkont jitwassal għandna huwa permezz tal-kliem. Diġà huwa sfida fiż-żmien tal-lum li l-ktieb irid iħabbatha ma' diversi forom multimodali. Huwa għaldaqstant kruċjali li l-kliem ikun minsuġ sew biex iwassal l-aqwa esperjenza li tpaxxi lill-qarrej. Dan jista' jkun possibbli grazzi għall-ħila li l-awtur iħaddem l-ilsien Malti tajjeb.

Joe Camilleri huwa l-awtur ta' bosta kotba sbieħ fosthom – Solitudni fil-Folla, Fir-Rokna tas-Silenzju, u Żwiemel tar-Riħ u Mużajċi tat-tafal li kien Finalist tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021. Kuntent li kont wieħed mill-folla numeruża li attendiet għat-tnedija ta' dan il-ktieb.

Helen Borg tatna bosta rumanzi sbieħ fosthom Għal dejjem… u ftit, Iben Id-dell u oħrajn. L-awtur Cini, kiteb ħsieb li se naqsam magħkom il-qarrejja dwar ir-rumanz Sekonda bejn Tnejn ta' Helen Borg.

Għaldaqstant illum f'din il-paġna qed nippreżentalkom kemm ġabra ta' novelli kif ukoll rumanz biex nolqtu l-gosti tagħkom issemmiegħa.

## L-Eku tal-ħabbata ta' Joe Camilleri

Il-ħabbata hija t-tama li l-bieb jinfetaħ għalina, u xi waqtiet tirrifletti dak li hu personali. Id-dar, il-bejta ta' familja tilqagħna. Hekk insibu f'dawn in-novelli fejn it-tektika tal-ħabbata toħodna lejn vjaġġi interjuri ta' numru ta' karattri li Joe Camilleri jippreżentalna, u tant esperjenzi li dawn jgħaddu minnhom.

F'dawn l-istejjer għaldaqstant ngħixu l-ħajja ordinarja ta' dawn il-persuni bħalna, xi wħud iżda li kellhom esperjenzi xejn sbieħ bħal abbuż sesswali. Li hu żgur huwa li f'dawn il-karattri, il-qarrejja se jaraw bħal mera tagħhom infushom fid-dgħufijiet tagħna bħala bnedmin.

Dan il-fatt huwa evidenti f'xogħlijiet oħra ta' dan l-awtur. Dwar Mużajċi tat-Tafal (Horizons, 2020) fil-Paġna Letterarja tas-17 ta' Jannar 2021 kont ktibt hekk:

"Interessanti ħafna li dawn il-karattri, kontra ta' bosta kotba oħra li fihom jispikka l-eroj, il-protagonisti huma nies umani ħafna, bid-dgħufijiet tagħhom. Il-karattri, bħal kull bniedem ieħor, huma wkoll frott tas-soċjetà, frott ta' dak li sawwarhom. U għaldaqstant minn dawn it-temi joħorġu bosta temi soċjo-kulturali kif se naraw aktar f'dan l-artiklu daqskemm joħorġu temi psikoloġiċi fuq livell individwali."

Kulħadd għandu l-mod tiegħu kif isib il-gost tal-qari. Biex nirrelataw mal-karattri li għandna, nissuġġerixxi li naqraw dawn l-istejjer b'umiltà, mingħajr preġudizzju u mingħajr stennija ta' xi eroj.

Tema li tispikka f'dawn in-novelli tibqa' dawk tat-tifkiriet. Mhux biss nostalġiċi imma għax it-tifkiriet huma dawk li jsawruna dak li aħna. Il-karattru li għandna huma frott dak li għaddew minnu, ħafna drabi bil-bosta qabel bdiet tiżvolġi l-istorja.

Fin-novella "Dawra ċirkolari" ngħidu aħna, insibu "Dakinhar qallilna paġni mid-djarju tat-tifkiriet. L-esperjezi studenteski. Il-praspar u l-intriċċi li konna noħolqu…" (p. 198).

Fin-novella "Ħabbata Msadda" naqraw:

"Illum, il-ħabbata msadda. Il-ħolqa tagħha tintrefa' b'żaqżiqa ta' tbatija. Iżda fl-imgħoddi t-tektika ritmika tat-taħbita fuq boċċa soda min jaf kemm ħabbret il-wasla ta' min kien mistenni." (p. 230).

Iżda l-imgħoddi jibqa' jiġri warajna. Fin-novella "Rosita" (p. 15) naraw kif il-karattru prinċipali, Rosita, issa xwejħa u teħtieġ l-għajnuna. Iżda l-passat tagħha donnu baqa' mwaħħal magħha. Għalkemm l-infermiera kienu awtodixxiplinati, xi wħud kellhom kif ngħidu b'mod sarkastiku lsienhom taz-zokkor u forsi biex ma jarawx il-ħin twil għaddej kienu jgħaddu mhux biss il-ħin imma ftit passata lilha b'ħafna kummenti forsi ftit żejda.

Fin-novella "Fula maqsuma?", naqraw "Baqa' jħaxken miegħu biss il-ħass stramb tar-rabta l-qadima. It-tektik f'moħħu ta' jasar mentali li ma setax jeħles minnu" (p. 211).

Ix-xorti mhux ta' kulħadd l-istess. Xi wħud iħabbtu l-ħabbata imma l-bieb jibqa' magħluq.

"Għaddi b'merħba bik. Inkella… Dabbar rasek 'l hemm" (Ħabbata Msadda, p. 230).

Il-bniedem huwa importanti fil-kompletezza tiegħu, b'dak li jġarrab fosthom il-morr tal-ħajja. Ħarset it-tifel, fl-istorja "Kiss lil Jesus" (p. 29) tmur fuq Peppu kolossu wieħed mill-imsejknin. Mhux fuq l-istatwa tal-kartapesta.

Iżda oħrajn jgħixu l-ilwien ta' memorji sbieħ. U wkoll baqgħu jġorru dawn l-esperjenzi tal-imgħoddi fosthom dawk ta' mħabba.

Il-karattri huma prodott tas-soċjetà.

"… Giulia kienet prodott ta' soċjetà u ta' kultura kollettivista. Nies magħġuna ta' fehma waħda. Jimxu f'linja dritta. Isegwu normi li fassalhom ħaddieħor qabilhom… L-aktar biex hekk ikunu mħarsa l-valuri morali tradizzjonali tal-ġimgħa kollha (Ġirien, p. 168).

Fuq kollox il-ħabbata tal-bieb hija wkoll Maltija, u hawnhekk ma jonqosx ukoll il-karattru Malti.

Nagħlaq minn silta meħuda mis-sit tal-pubblikaturi ta' dan il-ktieb Horizons (https://horizons.com.mt/):




"It-tektika tal-ħabbata taf twassal eku tal-esperjenzi sbieħ ta' min ikun fittex il-kenn fl-imħabba u sar parti minn storja intima. Nies li baqgħu jgħixu l-ilwien ta' memorji ta' għaxqa. Oħrajn li baqgħu dejjem imxennqa għal żegħila ta' mħabba.

Fin-novelli nibqgħu niltaqgħu ma' nies li sabu bieb magħluq f'wiċċhom. Li daqu l-weġgħa. Il-ħabbata baqgħet ittektkilhom id-diwi tal-ħasda ta' esperjenzi koroh. Ta' abbużi sesswali li kexkxulhom l-innoċenza ta' tfulithom. Li baqgħu jġorruhom fil-memorji tagħhom ukoll meta xjieħu.

L-Eku tal-ħabbata hu t-titlu ta' ġabra oħra ta' novelli introspettivi li ħarġu mill-pinna tal-kittieb Għawdxi Joe Camilleri. Pubblikazzjoni letterarja prestiġjuża u attraenti ta' Horizons. Ktieb ta' 256 paġna b'għoxrin novella li juru karattri tad-demm u l-laħam maħkumin mill-ħabbata tal-imgħoddi li ttektek fil-qalb, fir-ruħ, u fil-memorja tagħhom.

Nimxu ma' nies li jġarrbu l-ferħ tal-imħabba. Jgħixu l-ilwien ta' memorji sbieħ. Jew għandhom dmir ta' gratitudni xi jwettqu. Ma' oħrajn li daqu l-weġgħa…

Il-ħabbata tista' tixbah lil dik li tħabbat f'moħħna. Mal-gost tal-qari, in-novelli jmissu s-sensittività, jisfidaw il-ħsieb, u jħallu eku fina..."

## Ħsieb dwar SEKONDA BEJN TNEJN ta' Helen Borg minn Michael Cini

Tixtieq taqra ġrajja romantika fejn dak kollu li dejjem immaġinajt… jista' jseħħ tassew?

Jekk iva, mela nissuġġerilek li taqra r-rumanz SEKONDA BEJN TNEJN tal-awtriċi Helen Borg. Storja emozzjonanti għall-aħħar kif jixhed tajjeb it-titlu ta' dan il-ktieb. Rakkont uniku fejn fih, il-qarrej jesperjenza vjaġġ ta' mħabba intensa li